MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 696/2010

**PETER U MADELEINE KONJUGI VELLA**

**DE FREMEAUX BIL-KARTI TAL-IDENTITA’**

**RISPETTIVAMENT, I.D 256347 [M] U**

**I.D 103949 [M]**

**VS**

**EAGLE STAR (MALTA) LIMITED [C-104]**

**PRO PRIO U BHALA AGENTI TAS-SOCJ ETA’ ASSIGURATRICI**

**ESTERA, ZURICH ASSURANCE LIMITED**

**U**

**EAGLE STAR INSURANCE COMPANY**

**LIMITED [OC 21]**

**Il-Qorti ,**

Rat ir- Rikors Guramentat ta' Peter Vella de Fremeaux (I.D. 256347[M] u martu Madeleine (I.D. 103949[M]) tad-9 ta' Lulju 2010 li jaqra hekk :

*"Jesponu bir-rispett u Peter Vella de Fremeaux bil-gurament tieghu ikkonferma:*
*1. Illi nhar it-22 ta Settembru 1987 il-konjugi rikorrenti ikkuntrattaw separatament, zewg poloz tal-assigurazzjoni, tat-tip* ***'With Profits'****, mas-socjeta intimata Eagle Star Insurance Company Limited liema poloz igibu, rispettivament, in-numri 3501841 u 3501842 u huma hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dok 'PVDI'*** *u* ***Dok 'MVDI'****.*

*2. Illi dakinhar li ikkuntrattaw dawn il-polza r-rikorrenti assiguraw somma ta' hmistax il-elf lira Maltin kull wiehed fuq il-poloz rispettivi taghhom ekwivalenti ghal erba u tletin elf disa mija u erbghin ewro u sittin ewro centezmu (€ 34,940.60) kull wiehed. Ulterjorment, u qabel ma ikkuntrattaw dawn il-poloz, ir-rikorrenti gew assigurati minn insurance salesman tal-intimati, certa Michael Gatt, illi mal-maturazzjoni ta' dawn il-poloz huma kienu ser jircievu ssomma garantita piu' somma ohra li tirraprezenta profitti ikkalkulati ta' kull sena fuq bonus rates fissi, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kaz.*

*3. Illi irrizulta pero li tul is-snin is-socjetajiet intimati jew min minnhom naqsu arbitrarjament, abbuzivament u sistematikament 1-imsemmija bonus rates li kienu gew dikjarati originaljament meta gew kontrattati l-poloz de quo. Ir-rikorrenti kienu fil-fatt ilmentaw f'diversi okkazjonijiet dwar dan minghajr ebda ezitu pozittiv.*

*4. Illi z-zewg poloz surreferiti kienu ghal peijodu ta' ghoxrin (20) sena b'dan illi t-tnejn immaturaw nhar it-22 ta' Settembru tal-2007. Xi zmien wara li mmaturaw dawn il-poloz, is-socjeta' Eagle Star (Malta) Ltd offriet illi thallas lir-rikorrenti kull wiehed, is-somma ta' tmienja u sittin elf tlett mija u tmien Ewro u disa' u sittin Ewro centezmu (€ 68, 308.69). Sussegwentement u senjatament nhar it-8 ta' Ottubru, 2008, is-socjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited effettivament ghaddiet cekk ghal valur ta' tmienja u sittin elf Ewro u disa' u sittin Ewro centezmu (€ 68, 308.69) lil kull wiehed mir-rikorrenti u dan a saldu tal-pretenzjonijiet fuq il-poloz rispettivi taghhom. Irid jinghad hawnhekk illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom naqsu wkoll li jghaddu l-imghax dovut fuq dawn is-somom ossija l-imghax li ghaddha mid-data tal-maturazzjoni sad-data tal-pagament effettiv li sehh fit-8 ta' Ottubru, 2008.*

*5. Illi permezz ta' ittra bonarja datata is-17 ta' Ottubru, 2008, kif ukoll permezz ta' protest gudizzjarju ipprezentat mir-rikorrrenti nhar il-11 ta' Dicembru, 2008, ir-rikorrenti infurmaw lis-socjetajiet intimati illi huma kienu ser isarrfu c-cekkijiet in kwistjoni b'dan illi ghamluha cara li dawn ic-cekkijiet bl-ebda mod ma kienu qed jigu accettati a saldu b'dan illi zammew fermi d-drittijiet taghhom ii jipprocedu gudizzjarjament ghal bilanc kollu realment dovut lilhom.*

*6. Illi wkoll permezz tal-imsemmi protest gudizzjarju, s-socjetajiet intimati gew mitluba sabiex, jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' l-imghax legali illi ddekorra fuq iz-zewg somom ta' tmienja u sittin elf Ewro u disa' u sittin Ewro centezmu (€68, 308.69) ossija fuq 1-ammont*

*kumplessiv ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu ( € 136,617.38), mid-data tal-maturazzjoni tal-poloz rispettivi sad-data tal-pagament effettiv; 2) jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' tali somma ulterjuri li verament u gustament tirrifletti 1-valur shih tal-maturazzjoni tal-poloz rispettivi tar-rikorrentil 3) jaghtu rendikont shih ta' 1-investiment li ghamlu s-socjetajiet intimati sa minn Settembru tal-1987 li senjatament meta gew ikkontrattati l-poloz de quo, sas-sena tal-maturazzjoni ta' 1-istess, inkluz rendikont ta' 1-ezitu ta' tali investimenti u li huwa rilevanti sabiex jigi kkalkolat il-valur tal-maturazzjoni tal-poloz tar-rikorrenti.*

*7. Illi huwa evidenti illi l-bonus rates li applikaw is-socjetajiet intimati sabiex jaslu ghall-ammont dovut lir-rikorrenti mal-maturazzjoni tal-poloz taghhom, bl-ebda mod ma jirriflettu il-percentwal ta' bonus rates indikati mis-sales man taghhom dakinhar ii gew ikkuntrattati dawn i1-poloz de quo, u dan kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.*

*8. Illi minghajr pregudizzju 1-offerta ta' hlas li saret mis-socjetajiet intimati hija in ogni kaz wahda irrizorja u turi strategija ta' investiment li hija serjament monka u b'xamma qawwija ta' agir dizonest, illegali u abbuziv, anke tenut kont ta' klima ekonomiku mill-aqwa fil-qasam tal-investiment tul il-perjodu li fih kienu fis-sehh dawn il-poloz. Effettivament, u kif ser jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni ta dan ir-rikors, huwa fatt illi investimenti ohra simili ghal dawk odjerni u maghmula fl-istess perjodu taw profitti ferm aktar gholjin minn dawk li ssocjetajiet intimati ghogobhom jaghtu lir-rikorrenti odjerni u dan kif ser jigi muri ahjar tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*9. Illi jigi rilevat li r-rikorrenti accettaw li jikkuntrattaw dawn il-poloz biss ghaliex gie spjegat lilhom mis-sales man tas-socjetajiet intimati, li 1-investiment li kienu ser jaghmlu kien ibbazat fuq bonus rates gholjin u li ghalhekk tali investiment kien ser jaghti redditu tajjeb. Li kieku huma*

*gew mgharrfa illi dawn ir-rati kienu ser jinzlu b'mod daqshekk drastiku u li 1-profitti kienu ser ikunu tant baxxi, certament ma kienux jikkuntrattaw dawn il-poloz.*

*10. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex s-socjetatjiet intimati jaghtu rendikont adegwat tal-investimenti minnhom maghmula in relazzjoni mal-poloz mertu ta dan il-kaz u minkejja li gew ukoll interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta dak realment dovut lir-rikorrenti mal-maturazzjoni tal-poloz taghhom, baqghu inadempjenti.*

*11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant, jghidu ghalhekk is-socjetajiet intimati jew min minnhom ghaliex dina 1-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neessarja u opportuna;*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom ghandhom fl-ewwel lok, ihallsu lir-rikorrenti l-imghax lega1i li iddekorra fuq 1-ammont kumplessiv ta mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu ( € 136,617.38) imhallas lir-rikorrenti fit-8 ta' Ottubru, 2008, u kalkolabbli mid-data tal-maturazzjoni tal-poloz ossija t-22 ta' Settembru, 2007, sad-data tal-pagamenti effettiv;*

*2. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu l-imghax legali dovut lir-rikorrenti ai termini tal-ewwel talba;*

*3. Tordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex jaghtu rendikont shih u dettaljat ta' 1-investirnenti maghmula sa mit-22 ta' Settembru, 1987, senjatament meta gew ikkuntrattati 1-poloz bin-numri 3501841 u 3501842, sas-sena tal-maturazzjoni ta' 1-istess ossija, t-*

*22 ta' Settembru, 2007, inkluzi rendikont ta' 1-ezitu ta' tali investimenti in kwantu tali investimenti huma rilevanti sabiex jigi kalkolat il-valur tal-poloz de quo mal-maturazzjoni taghhom;*

*4. Tordna konsegwentement, okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi, li jigi likwidat il-valur shih, gust u reali tal-poloz rispettivi tar-rikorrenti bin-numri 3501841 u 3501842, mal-maturazzjoni tal-istess poloz li sehh nhar it-22 ta' Settembru, 2007 u li jigi konsegwentement stabbilit kwalunkwe bilanc li ghadu dovut lir-rikorrenti tenut kont tal-ammont ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu ( € 136,617.38) gja mhallas kumplessivament lir-rikorrenti mill-intimati;*

*5. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti il-bilanc hekk likwidat ai termini tar-Raba Talba flimkien mal-imghax dovut kalkolabbli mit-22 ta' Settembru, 2007 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u tal-protest gudizzjarju ipprezentat mir-rikorrenti nhar il-11 ta' Dicembru, 2008, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata t'Ivan Micallef f'isem is-socjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited tal-15 t'Ottubru 2010 li taqra hekk:

*A. "Eccezzjonijiet*

*1. Illi s-socjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija agixxiet biss bhala agent.*

*2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf, sitt mija u sbatax-il euro u tmienja u tletin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu ta' 1-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem ir-rikorrenti. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta' intimata giet estinta ai termini tal-ligi u 1-ebda ammont ma huwa dovut.*

*3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti 1-ammont dovut taht 1-imsemmija poloz fid-data tal-maturita' tal-poloz (cjoe' fit-22 ta' Settembru 2007) izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir il-pagament relattiv, bla ebda raguni valida.*

*4. Illi, dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju. it-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta ammont oltre dak mhallas lir-rikorrenti u accettat minnhom (liema talbiet huma dedotti fit-tielet, ir-raba u 1-hames talba tar-rikorrenti) huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u dan wkoll ghaliex 1-ammont imhallas lir-rikorrenti kien attwalment dak dovut taht 1-imsemmija poloz u li jikkonsisti mis-somma assigurata garantita, bonuses u terminal bonus dovuti taht 1-istess poloz.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.*

*B1-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta guramentata t'Ivan Micallef f'isem is-socjeta' intimata Eagle Star Insurance Company Limited tal-15 t'Ottubru 2010 li taqra hekk :

*A. "Eccezzjonijiet*

*1. Illi, preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax-il euro u tmienja u tietin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu ta' 1-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem ir-rikorrenti. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta' intimata giet estinta ai termini tal-ligi u 1-ebda ammont ma huwa dovut.*

*2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti 1-ammont dovut taht 1-imsemmija poloz fid-data tal-maturita' tal-poloz (cjoe' fit-22 ta' Settembru 2007) izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir il-pagament relattiv, bla ebda raguni valida.*

*3. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta' ammont oltre dak mhallas lir-rikorrenti u accettat minnhom (liema talbiet huma dedotti fit-tielet, ir-raba u 1-hames talba tar-rikorrenti) huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u dan wkoll ghaliex 1-ammont imhallas lir-rikorrenti kien attwalment dak dovut taht 1-imsemmija poloz u li jikkonsisti mis-somma assigurata garantita, bonuses u terminal bonus dovuti taht 1-istess poloz.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.*

*B1-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat ir-risposta guramentata t'Ivan Micallef f'isem is-socjeta' intimata Eagle Star (Malta) Limited bhala agent tas-socjeta' assiguratrici estera Zurich Assurance Limited tal-15 t'Ottubru 2010 li taqra hekk :

*A. "Eccezzjonijiet*

*1. Illi s-socjeta' intimata Zurich Assurance Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kellha u m'ghandhiex relazzjoni guridika mar-rikorrenti. Illi fil-fatt hija biss is-socjeta' li maghha gie irriassigurat il-portfolio ta' assigurazzjoni tas-socjeta' intimata Eagle Star Insurance Company Limited li harget il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 f'isem ir-rikorrenti.*

*2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-*

*dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax-il euro u tmienja u tletin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu ta' 1-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem ir-rikorrenti. Ghaldaqstant 1-obbligazzjoni tas-socjeta' intimata giet estinta ai termini tal-ligi u 1-ebda ammont ma huwa dovut.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost. it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti 1-ammont dovut taht l-imsemmija poloz fid-data tal-maturita' tal-poloz (cjoe' fit-22 ta' Settembru 2007) izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir il-pagament relattiv, bla ebda raguni valida.*

*4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas ta' ammont oltre dak mhallas lir-rikorrenti u accettat minnhom (liema talbiet huma dedotti fit-tielet, ir-raba u 1-hames talba tar-rikorrenti) huwa infondati fl-fatt u fid-dritt u dan wkoll ghaliex 1-ammont imhallas lir-rikorrenti kien attwalment dak dovut taht l-imsemmija poloz u li jikkonsisti mis-somma assigurata garantita, bonuses u terminal bonus dovuti taht 1-istess poloz.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.*

*B1-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta’Novembru 2011;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 t’Ottubru 2012, illi biha laqghet l-Appell tas-socjetajiet appellanti (cioe’ l-intimati), bbazat fuq it-tieni aggravju u r-revokat is-sentenza appellata, u ordnat illi l-atti jigu rimessi quddiem din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-Kap tal-ispejjez;

Rat ir-rikors tal-atturi tat-23 ta’ Mejju 2013 li jaqra hekk:

*“Illi l-kawza fl-ismijiet premessi tinsab differita ghas-sentenza ghal nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013);*

*Illi permezz ta’ rikors guramentat l-esponenti talbu lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom ghandhom fl-ewwel lok, ihallsu lir-rikorrenti l-imghax lega1i li iddekorra fuq 1-ammont kumplessiv ta mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu ( € 136,617.38) imhallas lir-rikorrenti fit-8 ta’ Ottubru, 2008, u kalkolabbli mid-data tal-maturazzjoni tal-poloz ossija t-22 ta’ Settembru, 2007, sad-data tal-pagamenti effettiv;*

*2. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu l-imghax legali dovut lir-rikorrenti ai termini tal-ewwel talba;*

*3. Tordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex jaghtu rendikont shih u dettaljat ta’ 1-investirnenti maghmula sa mit-22 ta’ Settembru, 1987, senjatament*

*meta gew ikkuntrattati 1-poloz bin-numri 3501841 u 3501842, sas-sena tal-maturazzjoni ta' 1-istess ossija, t-22 ta' Settembru, 2007, inkluzi rendikont ta' 1-ezitu ta' tali investimenti in kwantu tali investimenti huma rilevanti sabiex jigi kalkolat il-valur tal-poloz de quo mal-maturazzjoni taghhom;*

*4. Tordna konsegwentement, okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi, li jigi likwidat il-valur shih, gust u reali tal-poloz rispettivi tar-rikorrenti bin-numri 3501841 u 3501842, mal-maturazzjoni tal-istess poloz li sehh nhar it-22 ta' Settembru, 2007 u li jigi konsegwentement stabbilit kwalunkwe bilanc li ghadu dovut lir-rikorrenti tenut kont tal-ammont ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax il-Ewro u tmienja u tletin ewro centezmu (€136,617.38) gja mhallas kumplessivament lir-rikorrenti mill-intimati;*

*Illi perrnezz tar-risposti guramentati relattivi taghhom il-konvenuti kollha eccepew, fost l-ohrajn:*

*2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-pagament li gie effettwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf, sitt mija u sbatax-il euro u tmienja u tletin centezmu (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu ta' 1-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem l-atturi. Ghaldaqstant l-obbligazzjoni tas-socjeta' konvenuta giet estinta ai termini tal-ligi u 1-ebda ammont ma huwa dovut.*

*3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex ir-rikorrenti kienu gew offruti 1-ammont dovut taht 1-imsemmija poloz fid-data tal-maturita' tal-poloz (cjoe' fit-22 ta' Settembru 2007)*

*izda r-rikorrenti ma accettawx li jsir il-pagament relattiv, bla ebda raguni valida.”*

*Illi fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2010, il-partijiet qablu li tigi deciza l-ewwel, permezz ta’ sentenza parzjali, l-eccezzjoni numru tnejn (2) tal-konvenuti;*

*Illi minkejja li b’sentenza parzjali datata 1-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili oghgobha tichad din l-eccezzjoni, b’decizjoni datata id-disgha (9) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), 1-Onorabbli Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti u ordnat li 1-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex tiddededi dwar il-kap tal-ispejjez;*

*Illi minn qari tat-talbiet tal-atturi, ta1-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, jidher li bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ma gewx sorvolati t-talbiet kollha tal-atturi, u ghalhekk jekk il-kawza odjerna tithalla ghas-sentenza finali, ma tkunx inghatat decizjoni fuq it-talbiet kollha tal-atturi;*

*Illi mir-risposti guramentati relattivi, jidher illi l-eccezzjoni tal-konvenuti li sar hlas ghas-saldu tolqot biss ir-raha’ u l-ahhar talba tal-atturi, liema talba tirrigwarda l- maturity value tal-poloz in kwistjoni, jigifieri s-somma rapprezentanti (i) is-somma garantita, u (ii) il-bonus rates, u mhux ukoll l-imghaxijiet legali;*

*Illi dan jirrizulta mill-kliem uzat fit-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti:*

*"ghaliex il-pagament li gie effetwat lir-rikorrenti fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf sitt mija u sbatax-il euro u tmienja u tletin centezmi (€136,617.38) gie maghmul ghas-saldu tal-ammonti dovuti taht il-poloz bin-numri 3501841 u 3501842 mahruga f'isem 1-atturi"*

*kif ukoll mill-kliem uzat fit-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti:*

*"it-talbiet tar-rikorrenti ghall-imghaxijiet (kif dedotti fl-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti) huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt";*

*Illi dan jirrizulta anke mill-kliem uzat mill-konvenuti "in full and final settlement of the maturity value";*

*Illi jidher car ukoll mill-fatti esposti mill-ewwel Onorabbli Qorti, li din kienet qed titratta u tiddeciedi biss dwar jekk sarx pagament ghas-saldu tal-maturity value tal-poloz in kwistjoni, u mhux ukoll 1- imghaxijiet legali li jista' jkun dovut:*

*"Il-fatti rilevanti rizultanti huma s-segwenti:-*

*L-atturi 1-konjugi Peter u Madeline Vella de Fremaux ikkuntrattaw separatament zewg poloz tal-assigurazzjoni mas-socjeta' konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited. Dawn il-poloz kienu tat-tip "with profits" fejn kull*

*wiehed u wahda mill-atturi assiguraw is-somma ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15000). L-atturi jsostnu li kienu gew informati li mal-maturazzjoni kienu ser jircievu s-somma garantita piu' somma ohra li tirraprezenta profitti ikkalkulati fuq "bonus rates" fissi.*

*Gara illi meta immaturaw il-poloz, 1-atturi ma kienux sodisfatti bis-sommom li thallsu lilhom mis-socjetajiet konvenuti u, bil-prezenti kawza, qed jilmentaw <u>illi s-socjetajiet konvenuti naqsu li jhallsu il-valur reali u gust tal-poloz billi jidher li kienu tnaqqsu l-ammonti tal-"bonus rates" li kienu gew lilhom iddikjarati meta gew ikkuntratti l-poloz.</u>*

*...*

*Nonostante li s-socjetajiet konvenuti ma rcevewx 1-imsemmija informazzjoni mitluba, wara li l-poloz immaturaw 1-imsemmija socjeta' konvenuta Eagle Star (Malta) hallset lill-atturi s-somma ta' tmienja u sittin elf, tliet mija u tmien euro u disa' u sittin centezmi (€68,308.69) kull wiehed u b'dawn ic-cekkijiet datati 8 ta' Ottubru 2008 (fol 112 u 114) <u>"a saldu" tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi rigward l-imsemmija poloz</u>.. In effett jirrizulta li 1-imsemmija socjetá konvenuta <u>kienet qed taghmel dan il-hlas "in full and final settlement **of the ,maturity value"**</u>*

*Illi ghalhekk jidher car li fil-fatti kif esposti mill-ewwel Onorabbli Qorti <u>ma jissemmewx l-imghaxijiet legali</u> u ghandu jkun daqstant car li l-Ewwel Qorti kienet qed tiddeciedi biss fuq is-somma dovuta <u>taht il-polza</u>, cioe dwar il-maturity value li jinkludi s-somma garantita u 1-bonus rates;*

*Illi dan jirrizu1ta anke mid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti:*

***Konsiderazzjonijiet legali***

*B'ittra datata 17 ta' Ottubru 2008 (fol 115) l-atturi infurmaw lis-soċjetajiet konvenuti li huma kienu ser issarrfu ċ-ċekkijiet imsemmija, pero speċifikaw illi dawn iċ-ċekkijiet ma kienux qed jiġu aċċettati "in full and final settlement."*

*L-atturi jsostnu li ma rrinunzjawx għall-bilanċ li seta' kien lilhom dovut u għamluha ċara, qabel ma sarrfu ic-cekkijiet li l-ħlas ma kienx qiegħed jiġi aċċettat bħala wieħed a saldu u dan sar b'mod specifiku permezz tal-protest gudizzjarju gia imsemmi. Inoltre jirrizulta li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet fejn l-atturi ddikjaraw li ma kienux qiegħdin jaqblu mal-maturity value offert lilhom mis-socjetajiet konvenuti (vide fol.120, 122 u 127).*

*Ma hemm'x dubju li, fil-kawża odjerna, s-soċjetà konvenuta Eagle Star ghamlitha cara lill-atturi li t-tip ta' pagament li hija kienet qiegħda toffri lill-atturi kien "in full and final settlement of the maturity value."*

*Illi minn dan jirrizulta illi l-kwistjoni tal-imghaxijiet legali kienet kompletament estraneja ghal dan id-dibattitu u ghall-konsegwenti sentenza parzjali tal-Ewwel Onorabbli Qorti, u ghalhekk l-appell ukoll, seta biss u kien jirrigwarda biss 1-ammont tal-maturity value, u mhux xi imghax legali;*

*Illi dan jirrizu1ta ukoll mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell;*

*Illi l-ewwelnett dan jidher minn kif esponiet il-fatti relevanti, kif ukoll minn liema fatti esponiet, il-Qorti tal-Appell:*

*Ikkunsidrat:-*

*Il-Fatti*

*5. Illi dawn huma dettaljatament rapportati fis-sentenza fuq citata, u ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-fatti relevanti ghall-vertenza li tirrigawarda l-eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti dwar il-pagament maghmul minnhom lill-atturi.*

*6. Illi fit-22 ta' Settembru 1987, l-atturi kkuntrattaw separatament mas-socjeta` konvenuta Eagle Star Insurance Company Limited zewg poloz li kellhom jimmaturaw wara ghoxrin sena u li ghalhekk immaturaw fit-22 ta' Settembru 2007.*

*7. L-atturi ma qablux mal-maturity value ta' dawn il-poloz kif komputat mis-socjeta` konvenuta, u sostnew li s-somma dovuta lilhom* ***kellha tinkludi bonus rates oghla*** *minn dawk komputati, u li ghalhekk, skont huma, is-somma dovuta lilhom hija akbar minn dik offerta mis-socjeta` konvenuta. Ghalhekk kien jirrizulta car li, filwaqt li kien hemm ammont dovut lill-atturi li ma kienx kontestat, kien hemm* ***ammont ulterjuri*** *pretiz minnhom li kien kontestat mis-socjeta` konvenuta.*

*8. Matul it-trattattivi dwar din il-vertenza, is-socjeta` konvenuta offriet li thallas lil kull wiehed mill-atturi s-*

*somma ta' €68,309.69 u fit-8 ta' Ottubru 2008 ghaddiet lil-atturi zewg cheques fl-imsemmi ammont b'ittra li tghid li l-pagament kien qed jigi offrut "in full and final settlement of the maturity value."*

*Illi matul l-espozizzjoni tal-fatti, il-Qorti tal-Appell tirreferi ghall-ammont ulterjuri pretiz mill-atturi bhala dik is-somma li kienet tithallas li kieku l-bonus rates kienu oghla minn dawk imhallsa, u mhux dik is-somma dovuta bhala imghax legali;*

*Illi matul l-istess espozizzjoni tal-fatti l-Qorti tal-Appell imkien u qatt ma ssemmi xi imghaxijiet legali, liema imghaxijiet jidher li kienu estraneji anke ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (bhalma kienu ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti), izda kienet qed titkellem u tiddeiedi biss dwar il-* ***maturity value****;*

*Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ikun opportun ukoll, kif ukoll utli ghall-argument li t-talba tal-atturi ghall-imghaxijiet legali bl-ebda mod ma giet rinunzjata jew b'xi mod ippregudikata, li ssir referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u dan ghaliex l-insenjament kontenut f'dawn l-istess sentenzi jista' jigi applikat ghad-diskussjoni odjerna;*

*Illi l-Qorti tal-Appell cittat is-sentenza fl-ismijiet* **Peter Attard v. Lawrence Fino et** *(28/03/2008) f'dan is-sens:*

*"il-principju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fic-cirkostanzi kongruwi…..f'kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista', ghal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni ghas-*

*saldu, tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din li, kif enuncjat f'bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b'mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti ta' rinunzja."*

*Illi minkejja li 1-Onorabbli Qorti tal-Appell interpretat il-fatti bhala tali li saret rinunzja cara fir-rigward tal-matutrity value, dan zgur li  ma jistax jinghad fir-rigward tal-imghaxijiet, li 1-atturi qed jitolbu f'talba ghal kollox separata, ghaliex huwa ammont kompletament distint u separat;*

*Illi 1-fatt li kien dibattut jekk saritx rinunzja fil-konfront tal-maturity value jew le, b'Qorti wahda ma taqbilx ma Qorti ohra, juri li minghajr ebda dubju, ma saritx rinunzja fir-rigward tal-imghaxijiet;*

*Illi certament, il-protesti li 1-atturi ghamlu tempestivament, jekk ma swewx sabiex jissalvagwardjaw it-talba taghhom ghal somma ulterjuri abbai ta' bonus rates formanti parti mill-maturity value, tal-inqas ghandhom jiswew sabiex juru li ma saret ebda rinunzja fir-rigward tal-imghaxijiet;*

*Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet referenza ukoll ghas-sentenza bl-ismijiet* ***Agius Marble Works Ltd v. AX Construction Limited****, f'liema kaz " kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, ghalkemm kien dikjarat li kien qed jigi effetwat "in full and final settlement" lampantament ma kienx ikopri x-xoghlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-socjeta` kreditrici, u ghalhekk kien jidher car li c-certificate of payment ma kienx jirreferi ghal dawn ix-xoghlijiet li ma kienux indikati fih.";*

*Illi bl-istess mod, l-imghaxijiet legali dovuti ghall-hlas tardiv tal-maturity value, huma lampatement distinti mis-somma mhallsa bhala 1-maturity value;*

*Illi minn dan kollu jidher car li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ma tammontax ghal decizjoni dwar 1-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tal-atturi, liema talbiet jirrigwardaw ir-reponsabilitá u 1- kundanna ghall-hlas tal-imghax legali dovut fuq is-somma dovuta taht il-poloz in ezami;*

*llli jidher car ukoll li d-decizjoni dwar il-hlas ghas-saldu tal-maturity value lanqas ma tammonta ghal decizjoni dwar it-tielet (3) talba (separata mit-talbiet l-ohra) tal-atturi ghal ordni sabiex il-konvenuti jaghtu rendikont shih u dettaljat tal-investirnenti maghmula minnhom mid-data meta gew ikkuntrattati l-poloz in kwistjoni sad-data ta' maturazzjoni tal-istess poloz;*

*Ghaldaqstant 1-atturi jitolbu bir-rispett illi din 1-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u thalli l-kawza sabiex jitressqu 1-provi dwar 1-ewwel tliet talbiet tal-atturi u l-konsegwenti trattazzjoni u determinazzjoni ta' dawn it-talbiet, u dan taht kull provvediment ulterjuri li din 1-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportuni."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Gunju 2013;

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati tal-24 ta' Gunju 2013 li taqra hekk:

*"Illi kif awtorizzati minn dina l-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha in segwitu ghar-rikors tar-rikorrenti tad-29 ta' Mejju, 2013, is-socjetajiet intimati esponenti qeghdin jaghmlu din ir-risposta.*

*It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dana ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi r-rikorrenti qeghdin jallegaw illi l-qorti ta' l-ewwel grad fid-decizjoni taghha tal-25 ta Novembru, 2011, li minnha kien hemm appell, u liema appell kien gie deciz fid-9 ta' Novembru, 2012, halliet barra fid-decizjoni uhud mit-talbiet (ezattament l-ewwel tlett talbiet) proposti minnhom, u cioe', skond ir-rikorrenti kien hemm fid-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' Novembru, 2011 ab omissa decisione li hija regolata mill-artikolu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Illi skond l-imsemmi artikolu:*

*"Meta l-qorti tal-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell*

*Izda, kull wahda mill-partijiet tista',<u>fiz-zmien ta' hmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza</u> , bil-mezz ta' rikors, titlob <u>lill-qorti tal-ewwel grad</u> li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f'dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar tal-ahhar decizjoni:*

*Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista f'kull zmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, <u>bil-mezz ta' rikors guramentat</u>, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza." (sottolinjar mizjud)*

*Illi r-rikorrenti ghazlu li ma juzufruwixxux mill-procedura mahsuba fl-ewwel proviso ta 1-artikolu, citat hawn fuq, in kwantu m'ghamlux quddiem dina 1-Onorabbli Qorti, rikors kif mahsub fl-istess proviso wara d-decizjoni tal-25 ta' Novembru, 2011, u minflok intavolaw ir-rikors odjern (mhux guramentat) wara d-decizjoni tad-9 ta' Novembru, 2012 ta' 1-Onorabbli Qorti ta 1-Appell.*

***Illi ghalhekk ir-rikors odjern huwa kjarament irritu u null in kwantu m'huwiex rikors guramentat, kif jitlob it-tieni proviso ta' 1-artikolu 235.***

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament, kif ghallmu diversi drabi 1- Qrati taghna:*

*"L-ommessa pronuncja tirrikorri meta 1-lodo jonqos li jiddeciedi fuq xi kwestjoni ritwalment sottoposta ghall-ezami ta' 1-Arbitru <u>u li kienet tinnecessita pronuncjament ta' akkoljiment jew ta' rigett</u> S'intendi, <u>il-vizzju ta' omissa decisione ma jissussistix, u, anzi, hu eskluz meta</u>, kif ritenut minn din 1-istess Qorti, <u>"il-kwestjoni tkun esplicitament jew implicitament assorbita f'xi parti tas-sentenza u tkun giet evalwata mill-gudikant, anke jekk, forsi, b'motivazzjoni li ma tkunx irragunat specifikament fuq xi sottomissjoni tal-parti".</u> Tara jekk joghgobha dina 1-Onorabbli Qorti s-sentenza tad-9 ta' April, 2010 fl-ismijiet*

***Alpha 22 Limited u MLS-Multinational Logistic Services Limited vs Ciampaolo Lonzar u Domar Srl****, li taghmel referenza ghal sentenza ohra tat-30 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet* ***Joseph Spiteri -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.***

*Illi fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet suesposti, u fid-dawl tas-sentenzi citati, bid-decizjoni fuq 1-eccezzjoni tal-pagament mqajjma mis-socjetajiet esponenti li biha 1-istess socjetajiet kienu qeghdin jeccepixxu illi bil-pagament offrut minnhom ghas-saldu (u accettat mir-rikorrenti)* ***ma kien baqalhom 1-ebda obbligu versu r-rikorrenti, inkluz 1-obbligu ta' imghax u kull obbligu iehor li r-rikorrenti setghu (u ghadhom) qeghdin jippretendu kontra s-socjetajiet esponenti, l-Onorabbli Qorti ta' 1-Appell iddecidiet il-vertenza kollha****. Illi f'dan is-sens, id-decizjoni fuq 1-imghax, li kien il-mertu ta' 1-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, u 1-kwistjoni 1-ohra formanti parti mit-tielet talba tar-rikorrenti ma kienetx mehtiega ghaliex kif inghad id-decizjoni fuq 1-eccezzjoni tal-pagament sollevata mis-socjetajiet esponenti effettivament iddecidiet dawk il-kwistjonijiet kollha.*

*Illi inoltre, il-kwestjonijiet li r-rikorrenti ghadhom qeghdin jippretendu li huma pendenti (u skond huma jifformaw parti mill-omissa decisione) fil-fatt gew esplicitament assorbiti fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' 1-Appell bl-akkoljiment ta' 1-aggravju li 1-pagament offrut mis-socjetajiet esponenti u accettat mir-rikorrenti gab fi tmiemhom 1-obbligazzjoni kollha li 1-istess socjetajiet esponenti kellhom versu r-rikorrenti. Huwa precizament dan li qeghda tghid l-eccezzjoni tas-socjetajiet esponenti. Fil-fatt,* ***fit-tieni paragrafu fil-pagna 5 mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' 1-Appell. 1-istess Onorabbli Qorti kkonstat illi "jista' jinghad li l-imsemmija socjeta' konvenuta iddikjarat b'mod univoku u car li qed toffri l-pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi."***

*Illii li issa r-rikorrenti jibqghu jargumentaw illi 1-accettazzjoni ta' dak il-pagament ma kienux qeghdin jithallsu ghas-saldu (minhabba 1-imghax, f'kull kaz mhux dovut ghax anke qabel il-maturita' tal-poloz is-socjetajiet esponenti kienu avzaw dwar (u offrew lir-rikorrenti) il-hlas relattiv, li eventwalment gie accettat mir-rikorrenti (precizament fl-istess cifra li offrewh is-socjetajiet rikorrenti, u t-trapass taz-zmien kien biss tort tar-rikorrenti), huwa tentattiv biex igib fix-xejn l-konsiderazzjonijiet ta' 1-Onorabli Qorti ta' 1-Appell; kif ighid il-Malti m'ghaddewx mill-bieb u qeghdin jipprovaw jghaddu mit-tieqa. Fi kliem iehor, m'hemm 1-ebda tifsira ohra ghal "ghas-saldu" hlief li 1-kreditur ma jibqalghu 1-ebda pretensjoni ohra! Dak li 1-Onorabbli Qorti qalet dwar x'messu ghamlu r-rikorrenti biex jikkonservaw il-pretensjonijet taghhom fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti, kienet qeghda tghidu b'referenza ghall-pretensjonijet kollha ta' 1-istess rikorrenti.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament, id-decizjoni ta' dina 1- Onorabbli Qorti tal-25 ta' Novembru, 2011 kienet dwar 1-eccezzjoni tal-pagament mqajjma mis-socjetajiet esponenti, u cioe' eccezzjoni preliminari li fuqha kienet tiddependi l-vertenza kollha. Illi fil-fatt, li 1-Ewwel Onorabbli Qorti semghet il-provi it-trattazzjoni u ddecidiet limitatament fuq 1-eccezzjoni preliminari <u>bi qbil bejn il-partijiet</u> . Dan kien ifisser, anke f'mohh ir-rikorrenti stess illi 1-vertenza **kollha**, inkluza u partikolarment it-tielet talba tar-rikorrenti, kienet tiddependi fuq dik 1-eccezzjoni preliminari, minghajr il-htiega li 1-Ewwel Onorabbli Qorti tidhol fil-mertu, abbazi tat-talbiet li setghu jigu trattati u decizi li kieku 1-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet li ma tilqax 1-appell tas-socjetajiet esponenti, u effettivament kienet tordna 1-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.* ***Illi f'dan is-sens, bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni preliminari mqajjma mis-socjetajiet esponenti, anke fit-termini stess mhux biss ta' dik l-eccezzjoni izda wkoll ta' 1-istess sentenza, l-***

***Onorabbli Qorti ta' l-Appell effettivament u bla riserva ddikjarat illi bil-pagament (kif offrut mis-socjetajiet esponenti), u li eventwalment gie accettat mir-rikorrenti, is-socjetajiet esponenti kienu hallsu <u>"ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi.". kif ikkonstatat l-istess Onorabbli Qorti fit-tieni paragrafu fil-pagna 5 mis-sentenza taghha fi-appell.</u>***

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament, b'referenza partikolari ghat-tielet talba (li r-rikorrenti qeghdin jippretendu li dina 1-Onorabbli Qorti ghandha tiddeciedi, ghandu jinghad illi dan ikun ezercizzju inutili u irrilevanti u huwa intiz (ghal raguni jew ragunijiet li jafu biss ir-rikorrenti) li jzomm vertenza diga' maghluqa kif inghad hawn fuq, pendenti. Fi kliem iehor anke jekk ghall-grazzja ta' 1- argument dina 1-Onorabbli Qorti kellha tidhol fil-mertu tat-tielet talba illum res judicata bejn il-partijiet, bl-ikbar rispett jinghad illi r-rizoluzzjoni ta' din il-kwistjoni ma twassal imkien, u fi-istess kwistjoni r-rikorrenti ma baqghalhom 1-ebda interess guridiku.*

*Tant ghandhom 1-unur jissotomettu s-socjetajiet esponenti ghas-savju gudizzju ta' dma 1-Onorabbli Qorti."*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

L-atturi konjugi Vella De Fremaux, bir-rikors tat-29 ta' Mejju 2013, talbu lil Qorti tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza, sabiex l-atturi jressqu l-provi, jitrattaw, u jigu determinati t-tlett talbiet tal-atturi taht kull provediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Is-socjetajiet intimati fir-risposta tal-24 ta' Gunju 2013, irribadew illi l-Qorti kif diversament preseduta kienet ippronunzjat id-decizjoni taghha fil-25 ta'Novembru 2011, illi minnha kien hemm appell. Dan l-appell gie deciz fid-26 t'Ottubru 2012, favur is-socjetajiet intimati.

Skond l-atturi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell "halliet barra l-ewwel tlett talbiet attrici".

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda talba tal-atturi datata 29 ta' Mejju 2013, sabiex wara decizjoni tal-Qorti tal-Appell (li annullat u rrevokat sentenza tal-prima stanza, baghtet l-istess atti sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq il-kap tal-ispejjez – biss), din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez, sabiex, tisma' l-provi u tiddetermina t-tlett talbiet tal-atturi li gew omessi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell.

Din il-Qorti taghraf illi fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta'Novembru 2011, dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' pagament sollevata mis-socjetajiet intimati. In sintezi, il-Qorti tal-Appell, laqghet it-tieni aggravju tas-socjetajiet intimati *"u cioe li c-cheque mibghut mis-socjetajiet intimat in full and final settlement"*, li gie msarraf mill-atturi, **kien ifisser jew jissinjifika l-**

**accettazzjoni tal-offerta maghmula mis-socjetajiet intimati**, u li kienu mankanti c-cirkostanzi eccezzjonali, enuncjati fis-sentenzi **Apap vs Gasan** u **Agius Marbles Works Limited vs AX Construction Limited**.

Illi l-Artikolu 235 tal-Kap.12. jghid testwalment is-sewgenti:

***"Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:***

***Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:***

***Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża."***

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' takkolji t-talba tal-atturi u dan ghal diversi ragunijiet.

Primarjament l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 jippresupponi li l-omissjoni tkun saret minn *"Qorti tal-ewwel grad".* Huwa palezi illi s-sentenza tas-26 t'Ottubru 2012, (illi minnha l-

atturi qed jitolbu din il-Qorti tiddeciedi tlett talbiet illi gew omessi mid-decide), kienet **sentenza tal-Qorti tal-Appell** u mhux wahda tal-prim' istanza.

Apparti minn dan l-Artikolu 253 jindika zewg manjieri t'azzjoni , u cioe':

1. L-atturi kellhom terminu ta' hmistax-il gurnata mid-data ta' dik is-sentenza, sabiex jaghmlu t-talba taghhom. Huwa evidenti mill-atti processwali illi t-talba attrici (li saret fid-29 ta' Mejju 2013) ma saritx a bazi ta' din il-manjiera t'azzjoni in vista ta' trapass ta' zmien;

2. F'kull zmien sussegwenti setghu jintavolaw rikors guramentat, sabiex jindirizzaw it-talbiet taghhom. Illi f'dan il-kaz it-talba tal-atturi saret **permezz ta' rikors ordinarju li ma kienx guramentat**.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, kif gie ritenut mill-Qrati taghna: "*il-vizzju t'omissa decizjoni* ***ma jissussistix u anzi hu eskluz*** *meta, ... il-kwistjoni tkun esplicitament jew implicitament assorbita f'xi parti tas-sentenza"*- vide **Alpha 22 Limited u MLS –Multinational Logistics Services Limited vs Ciampaolo Lonzar u Domar Srl** deciza fid-9 **t'April 2010** u **Joseph Spiteri vs Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud** deciza fit-**30 ta' Jannar 2009**.

Huwa car u inekwivoku illi meta l-Qorti tal-Appell laqghat l-eccezzjoni ta' pagament offrut mis-socjetajiet intimati w accettat mir-rikorrenti meta sarrfu c-*cheque* lilhom moghti ***in full and final settlement*****,** l-istess Qorti tal-Appell, kienet effettivament iddecidiet fuq il-vertenzi kollha. Dan huwa jirrizulta b'mod car mis-sentenza tal-istess Qorti tal-Appell.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad it-talba tal-atturi kontenuta fir-rikors tad-29 ta' Mejju 2013, bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi ghar-rigward tal-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez (riservata ghal gudizzju finali mill-Qorti tal-Prim' Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Novembru 2011), rimessa lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tas-26 t'Ottubru 2012, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-15 t'April 2013, taghraf illi fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, ikun ghaqli u gust li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------